**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

**DIĊEMBRU 2007** **NUMRU 227**



Il-Presidenza Ġenerali
Il-Membri tad-Direttorju u d-Diriġenti Ċentrali
jixtiequ jagħtu l-awguri sinċieri għall-Milied Qaddis
u s-Sena Ġdida
mimlija rizq u barka
lid-Diriġenti Parrokkjali, Assistenti Ekklezjastiċi, lill-Membri
kollha ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija u l-Familjari, Benefatturi
lill-Familja kbira tal-Morda u dawk b'Diżabilitȧ
lill-Anzjani b'mod speċjali dawk tad-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar
u lil kulħadd

## Ħsieb għax-Xahar Ta' Diċembru 2007

Għeżież Assistenti Ekkleżjastiċi, Presidenti, u Membri.
Fil-mixja tagħna fil-ħajja spiritwali, rajna s'issa li t-talb magħmul tajjeb, kif jista' jibdel ir-ruħ. Meta t-talb tagħna jkun magħmul bix-xufftejn biss, ir-ruħ tibqa' bla qatt tinbidel.
Sta. Tereża ta' Ġesù tqabbel ir-ruħ ma' kastell li għandu sebat ikmamar. Tkellimna li biex tidħol fil-kastell trid teqred l-annimali selvaġġi li jdawwru l-kastell, jiġifieri d-dnubiet, u ppruvajna nidħlu fl-ewwel kamra li fiha r-ruħ għadha mimlija difetti u ħafna affarijiet għadhom itellfuha li timxi 'l quddiem. Dħalna fit-tieni kamra, li fiha r-ruħ iktar issir tħobb titlob, tibda tobgħod iżjed id-dnub u jkollha xewqa kbira li timxi 'l quddiem.
Iktar ma nitolbu bis-sens li nafu ma' min qed nitkellmu u nafu x'aħna ngħidu, ir-ruħ tixtieq tidħol iktar 'l ġewwa fil-kastell, sakemm, mhux wara ftit żmien, tidħol fit-tielet kamra, għax ir-ruħ ipperseverat fit-talb u saret tobgħod iktar id-dnub. F'din it-tielet kamra, li r-ruħ tibda tiċċaħħad minn ħafna difetti u tikber fl-imħabba tal-proxxmu.

Il-Karatteristiċi tar-ruħ f'din il-kamra huma :-

1. xewqa kbira li qatt ma toffendi lil Alla
2. ir-ruħ ma tibqax tieħu għaliha meta xi ħadd jgħid xi ħaġa kontra tagħha
3. meta ma tirnexxix f'xi ħaġa, ma tinkwetax.

Dawn juru kemm imxejna u xi nsarrfu. Imma r-ruħ f'dan l-istadju tat-tielet kamra, għadha bħaż-żgħażugħ li meta stiednu Ġesù ma kienx kapaċi jħalli kollox . . . għadha marbuta wisq mal-ħwejjeġ materjali . . Għad baqalha ħafna x'tippurifika . .. . . . (tkompli).

---

Grazzi liċ-Ċirkolu tal-Mosta tal-Bookmark li bagħtuli. Sempliċi u sabiħa u fiha ħasbu fiż-ŻAK li tagħmel sejħa għall-membri ġodda. Qaluli li xi żgħażagħ tħajjru li jidħlu fiż-ŻAK. Tajjeb li nkunu nafu x'jagħmlu Ċirkoli oħra u nimitaw it-tajjeb tagħhom.

---

**FTIT MISTOQSIJIET**

**A.** Kemm il-membri tagħna qabel ma jmorru għal-laqgħa jippreparaw il-lezzjoni u jistaqsu u jieħdu noti?
**B.** Kemm qegħdin jaqsmu bejniethom l-esperjenzi li jkunu ħadu mil-lezzjoni?
**C.** Mhux aħjar li l-ewwel parti u t-tieni parti tal-lezzjoni jsiru minn żewġ membri differenti?

## AWGURI SINĊIERI GĦALL-FESTI TAL-MILIED

**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

**Avviż Importanti**
Fl-Assemblea Ġenerali kont ħabbart li biex inwettqu parti mill-programm ta' din is-sena ''bħala ġebel ħaj, inbnew bini spiritwali'' u nikbru fil-formazzjoni u nissaħħu spiritwalment se nagħti aktar importanza lill-ewwel parti tal-laqgħa li x'aktarx tkun ibbażata fuq qari mill-iskrittura u tipprovdi mument ta' riflessjoni fil-laqgħa.

Biex niffaċilitaw ix-xogħol ta' min jipprepara l-laqgħa, qegħdin nissuġġerixxu li din il-parti tal-laqgħa ssir minn membru ieħor. Hekk nittamaw li kemm l-ewwel parti tal-laqgħa kif ukoll it-tieni parti jkunu ppreparati wisq aħjar, għaliex ix-xogħol ikun imqassam.

Għaldaqstant qegħdin nitolbu lil kull Ċirkolu jagħżel żewġ membri biex jiġu mħarrġa biex ikunu jistgħu jagħmlu din l-ewwel parti tal-laqgħa. Wieħed/waħda minn dawn il-membri jista'/tista' jkun id-Delegat/a Ħidma Reliġjuża.

Dawn il-membri magħżulin se jkollhom laqgħa nhar il-Ħamis 3 Jannar 2008 fid-9.30 ta' filgħodu, u oħra il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2008 fis-6.30 ta' filgħaxija għal min jippreferi jiġi filgħaxija. Iż-żewġ laqgħat se jsiru f'Sala Mons Dandria l-Istitut Kattoliku, Floriana.

Nitolbukom tagħtu l-isem ta' dawn iż-żewġ membri lill-president tal-fergħa tagħkom u tinfurmawhom b'din il-laqgħa.

**Xerrdu l-informazzjoni li tidher fuq l- '*Information Sheet'.***
L-informazzjoni li tidher fuq l-*Information Sheet* mhix qegħda għalikom biss imma għall-membri kollha. Żommu l-*Information Sheet* fil-'Ħuġġieġa' biex tkunu żguri li ġġibuha l-laqgħa magħkom u kull ġimgħa aqraw l-avviżi li jkunu jmissu. Tinsewx li l-*Information Sheet* ħadet post il-ħafna ċirkolarijiet li konna noħorġu u b'hekk qegħdin niffrankaw ħafna posta. Jekk hemm xi membri li għandhom l-email, agħtuna l-indirizz tagħhom biex inkunu nistgħu nibagħtuilhom ukoll.

**Nurses biex jaħdmu d-Dar Familja Mqaddsa.**
Id-Dar Familja Mqaddsa għandha bżonn ta' nfermiera kkwalifikati. Jekk tafu lil xi ħadd għidulhom biex jibagħtu applikazzjoni ndirizzata lill-Amministratur Dar Familja Mqaddsa, Triq il-Markiż Scicluna, Naxxar.

**Rigali għall-Lotterija**
Bħas-sena li għaddiet se nagħmlu Lotterija. Nitolbu lil min jista' jiddobba xi rigali.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 2 ta' Diċembru | Irtir fil-Knisja tal-Vitorja, l-Belt |
| Il-Ħamis 6 ta' Diċembru | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| It-Tnejn 17 ta' Diċembru | Laqgħa tal-Kunsill ċentrali fil-5.30 p.m. fis-6.00 p.m. - Laqgħa Soċjali għall-Presidenti, Segretarji u Membri taċ-ċirkoli. |

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 6 ta' Diċembru | Skola ta' l-Appostolat - Bibita fid-9.30 a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| It-Tlieta 11 ta' Diċembru | Ħarġa Soċjali (Romol) |
| Il-Ħamis 10 ta' Jannar | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| Is-Sibt 12 ta' Jannar | Tesserament Ċentrali fis-6.00 p.m. |

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 6 ta' Diċembru | Skola ta' l-Appostolat - Bibita fid-9.30 a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 6 ta' Diċembru | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m |
| Il-Ħadd 9 ta' Diċembru | Irtir Ċentrali |
| Il-Ħamis 3 ta' Jannar | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m |

NOTA : Il-Kunsill Ċentrali Xebbiet jixtieq Milied Qaddis u Sena Ġdida mimlija b'kull ġid lill-membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika u l-familji tagħhom.

### Radju Marija

Infakkrukom li l-Programm ta' l-Azzjoni Kattolika "Mill-Huggiega" fuq Radju Marija jixxandar kull nhar ta' Tnejn bejn il-11 a.m. – 12. a.m. b'ripetizzjoni nhar ta' Tlieta f'nofs il-lejl.

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 6 ta' Diċembru | Skola ta' l-Appostolat - Bibita fid-9.30 a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |

| | |
|---|---|
| Grupp Koppji Rabat | Irtir |
| Meta | 9 ta' Diċembru 2007 |
| Fejn | De Piro Youth Centre Rabat |
| Ħin | mid-9.30 a.m. sa 12.00 p.m. |
| Kelliem | Provinċjal Dun Pawl Gatt O.P. |

Gruppi oħra huma mistiedna li jattendu

| | |
|---|---|
| Gruppi Koppji Rabat | Laqgħa |
| Meta | Il-Ħamis 13 ta' Diċembru |
| Fejn | Sala St Patrick's Rabat |
| Ħin | fis-7.00 p.m. |
| Imexxi | Mons Paul Vella |
| Suġġett | Żwieġ Nisrani fil-Familja Maltija |

Il-Kummissjoni Koppji Mizzewġin tawgura lill-Koppji kollha u l-Familji tagħhom Milied Qaddis u s-Sena Ġdida.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ** Il-programm li tippreżenta l-Kummissjoni Ħidma Morda ta' l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Diċembru :- 2, 9, 16, 23 u 30.

***Il-Ħadd 2 ta' Diċembru :- Jum il-Marid***

Il-Kummisjoni flimkien mas-Seġretarjat Pastorali sejra torganizza quddiesa għall-morda fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla. Il-Quddiesa li sejra tixxandar fuq it-T.V tibda fit-8.30 a.m. Wara se jingħataw *refreshments*.

***L-Erbgħa 12 ta' Dicembru***

Attività tal-Milied għall-membri tal-Kummissjoni.

***Awguri***

L-Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità jagħtu l-isbaħ xewqat ta' Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija b'kull barka lill-benefatturi kollha u b'mod speċjali lill-Morda u Persuni b'Diżabilità ta' Malta u Għawdex.

# SKOLA TA' L-APPOSTOLAT
# Il-Ħamis, 6 ta' Diċembru 2007 fid-9.30 a.m.
# f'Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.

## Moviment Għalliema Kattoliċi

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 6 ta' Diċembru | Skola ta' l-Appostolat - Bibita fid-9.30 a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| L-Erbgħa 12 ta' Diċembru | Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fil-5.30 p.m. |
| L-Erbgħa 19 ta' Diċembru | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 3 ta' Diċembru | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara. |
| 7 - 9 ta' Diċembru | Live-in għal ŻAK Mosta u ŻAK Valletta. |
| It-Tnejn 10 ta' Diċembru | Laqgħa dwar il-Euroforum għal leaders f'Birkirkara. |
| Il-Ħamis 13 ta' Diċembru | One Day Away għal ŻAK Safi. |
| 14 – 16 ta' Diċembru | Live-in għal ŻAK Ħal Tarxien. |

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 16 ta' Diċembru | Support Group. |
| It-Tnejn 17 ta' Diċembru | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara. |
| It-Tnejn 24 ta' Diċembru | ŻAK Qrendi jorganizzaw l-pageant tal-Milied ġol-parroċċa tagħhom fil-11.00pm. |
| Il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru | Għeluq tas-sena permezz ta' attività għal membri taż-ŻAK. |
| Is-Sibt 12 ta' Jannar | Tesserament Ċentrali fis-6.00 p.m. |

**<u>Ħinijiet Tal-ftuħ tas-Segreterija Ta' l-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku - Floriana matul il-ġranet tal-Milied:-</u>**
**It-Tnejn 24 ta' Diċembru jiftaħ sas-1.00 p.m.**
**L-Erbgħa 26 ta' Diċembru magħluq il-ġurnata kollha.**
**It-Tnejn 31 ta' Diċembru jiftaħ sas-1.00 p.m.**

**TESSERAMENT ĊENTRALI**
**Is-Sibt 12 ta' Jannar 2008 fis-6.00 p.m.**
**Sala Mons. Gonzi -Istitut Kattoliku - Floriana**
**NIBDEW B'QUDDIESA LI FIHA JSIR IT-TESSERAMENT TAD-DIRIĠENTI ĊENTRALI**
**WARA NAQSMU FLIMKIEN IX-XEWQAT TAJBA GĦAS-SENA L-ĠDIDA**

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

<u>Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u Laqgħa bejn il-Ħbieb</u>

<u>It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2007</u>

Bħal ma nagħmlu ta' kull sena fi żmien il-festi tal-Milied u l-bidu tas-sena l-ġdida, din is-sena wkoll, se norganizzaw Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u laqgħa bejn il-Ħbieb u l-familjari sabiex, filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla għal għajnuna tiegħu matul is-sena li għaddiet, niltaqgħu ftit bejnietna u nawguraw l-isbaħ xewqat lil xulxin.

Din il-laqgħa se ssir nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2007 fis-6.00 p.m. fis-Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

**<u>Kalendarju b'informazzjoni u Ħidma li qed titwettaq mis-S.A.S.</u>**

Għadu kif ħareġ il-Kalendarju S.A.S. għas-Sena 2008 b'informazzjoni, programm u ħidma li qed titwettaq mill-istess S.A.S. ma' ħutna fil-bżonn. Min jixtieq aktar kopji ta' dan il-kalendarju jista' jċempel l-Uffiċċju Ċentrali.

**<u>Uffiċċju S.A.S.</u>**

L-Uffiċċju Ċentrali S.A.S. fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu dejjem hemm persuna responsabbli li tista' tiltaqa' ma' persuni fid-diffikultà jew lesta li tgħin lill-voluntiera S.A.S. tal-parroċċa. Dawn huma s-Sur Tony Mifsud, Miss Mari Testa, s-Sur Andre Vella (ikun preżenti filgħaxija it-Tlieta u l-Ġimgħa), Mrs Josette Spiteri, Mrs Rose Sammut, s-sur Joe Rossi u Mrs Carmelina Bugeja.

<u>Servizz bil-Minibuses</u>

Nixtieq- nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom u bbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.
Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-Mobile No:- 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS : 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.



# ĠEJ IL-MILIED U

# MA TAFX SER TAGĦTI RIGAL

# FIL-LIBRERIJA TA' L-AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA




**ISSIB KULL TIP TA' KOTBA RELIĠJUŻI U TA' INTERESS ĠENERALI BIL-MALTI U BL-INGLIZ – GĦALL-KBAR U GĦAT-TFAL, STATWI, IKONI, KARTOLINI U VARJETÀ KBIRA TA' RIGALI, U ĦAFNA AFFARIJIET OĦRA GĦALL-ŻMIEN IL-MILIED.**



JISTGĦU JINXTRAW UKOLL GIFT VOUCHERS.

DAN IL-MILIED IXTRI IR-RIGALI TIEGĦEK MIN DIN IL-LIBERERIJA U BARRA LI TKUN QED TAGĦTI RIGAL MILL-QALB TKUN QED TGĦIN LIL AZZJONI KATTOLIKA FIL-ĦIDMA TAGĦHA.

# AKM Rendikont Annwali 2007

Ente (a) ____________ Paroċċa (b) ____________ Fergħa/ Moviment eċċ (c) ____________

## DĦUL

Dħul mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007

1, Mill-Kwoti/kontribuzzjonijiet ____________

2, "Games" eċċ ____________

3, Dħul ieħor mill-membri ____________

I. ____________ ____________

II, ____________ ____________

III,____________ ____________

4, DĦUL NON-MEMBERS (d)

I. ____________ ____________

II, ____________ ____________

III,____________ ____________

## ĦRUĠ

1, Konsum Ilma/Elettriku ____________

2, Ħlas tal-Kera tal-Post ____________

3, Manutenzjoni tal-Post ____________

4, Spejjez diversi (bid-dettalji) ____________

5, ____________(e) ____________

____________ ____________

____________ ____________

TOTAL ĦRUĠ ____________ ____________

Noti

a) Isem tal-Kunsill/Ċirkolu/Youth Centre, eċċ (skond il-każ)
b) Isem tal-lokalità, Belt/Raħal
c) Rġiel, Nisa, Xebbiet, Żgħażagħ
d) 1, 2, 3, tal-MEMBRI 4, Non-members bħal donations/kera
e) Kull ħruġ kapitali (p.e. xiri ta' għamara, projector, jew tagħmir ieħor, għandu jintwera apparti.

ĠABRA TAR-RENDIKONT

TOTAL DĦUL: ________________________________

TOTAL ĦRUĠ: ________________________________

DIFFERENZA: ________________________________ (+ jekk minn fuq u – jekk minn taħt)

DIKJARAZZJONI

Aħna, hawn taħt iffirmati, niddikjaraw li t-tagħrif kollu dwar
Dħul u Ħruġ mogħti f'dan ir-remidkont huwa realistiku u korrett.

Firem tat-Teżorier u tal-President ____________________________________

Indirizz Postali taċ-Ċirkolu ____________________________________

____________________________________

Tel. No: ____________________

E-Mail: ____________________

Data: ____________________

## Christmas Season Candle Light Dinner

**B'Risq id-Dar Familja Mqaddsa**
**Naxxar**
**Fir-Restaurant tad-Dar**
**Nhar is-Sibt, 15 ta' Diċembru 2007 fit-7.45 p.m.**

## <u>MENU</u>

**Salmon Terrine**

**Cauliflower Soup**

**Chicken Wellington**
**Or**
**Pesce al Cartoccio**
**(Accompanied by Fresh vegetables and potatoes)**
**Sinizza**

**Coffee**
**(including Glass of Wine or Soft Drink)**

**Prezz : Lm6.50** **Ħin : 7.45 p.m.**

**Booking mid-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar - Tel: 21438025**






**TINSIEX**
**L-AĦĦAR ĊANS**
**IĠĠEDDED**
**l-ABBONAMENT *tiegħek***
**FIL-ĦUĠĠIEĠA GĦAS-SENA 2008**
**FIL-BOOKSHOP ta' l-AZZJONI KATTOLIKA – FLORIANA**
**SAT-12 TA' DIĊEMBRU 2007**




**Abbonament jiswa:**
***Bil-Posta Lm 2.50 – EUR 5.823***
***Mill-'Bookshop' – Lm 2.25 – EUR 5.241***